# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 27**

**Rikors numru 1859/00 SM**

**Visa Investments Limited (C–10229)**

**v.**

**Blye Engineering Company Limited (C–8256)**

**Il-Qorti:**

1. Illi dan huwa appell prinċipali mressaq mill-kumpanija attriċi u appell inċidentali mressaq mill-kumpanija mħarrka, minn sentenza dwar kontro-talba mressqa mill-kumpanija imħarrka rikonvenjenti[1] mogħtija

[1] B'degriet tas-17 ta' Novembru, 2011, l-ewwel Qorti kkanċellat il-kawża mressqa mill-kumpanija attriċi fit-13 ta' Settembru, 2000, u b'degriet tat-18 ta' Ottubru, 2012, ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża dwar il-Kontro-Talba mressqa mill-kumpanija imħarrka rikonvenjenti fis-7 ta' Novembru, 2000

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), fejn u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-kumpanija imħarrka; (ii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija attriċi rikonvenuta għall-kontro-talba, magħduda l-ħames eċċezzjonijiet preliminari; (iii) fil-mertu, ikkundannat lill-kumpanija attriċi rikonvenuta tħallas lill-kumpanija imħarrka rikonvenjenti (a) penali fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) għall-finijiet tal-Artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) id-danni fl-ammont ta' mija u ħamsin elf, tliet mija u erbgħa u erbgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€150,344.37) għall-finijiet tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi; (ċ) flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-ammonti msemmija qabel b'seħħ mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni promotriċi sal-jum tal-ħlas effettiv; u (d) ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi rikonvenuta;

2. Fl-att li bih ressqet il-Kontro-Talba, il-kumpanija imħarrka rikonvenjenti talbet lill-ewwel Qorti, (a) issib li l-kumpanija attriċi rikonvenuta (i) għandha tħallasha l-ammont ta' elf tliet mija u erbgħa u tletin lira Maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,334.34) għal oġġetti maħduma u xogħlijiet ta' tiswija magħmula u konsenjati lilha; u (ii) hija responsabbli għal massimu tal-penali skont il-liġi u għad-danni mġarrba minnha fl-ammont ta' erbgħin elf lira Maltin (Lm40,000) minħabba aġir abbużiv, frivolu u vessatorju marbuta mal-ħruġ ta' mandati kawtelatorji; (b) tillikwida d-danni u l-penali dovuti lilha mill-kumpanija attriċi

rikonvenuta; u (ċ) tordna lill-kumpanija attriċi rikonvenuta tħallasha dawk l-ammonti. Talbet ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż;

3. Min-naħa tagħha, il-kumpanija attriċi rikonvenuta qajmet eċċezzjonijiet ta' natura preliminari billi qalet li l-Kontro-Talba hija nulla billi l-kumpanija mħarrka ma semmietx li l-fatti miġjuba fid-dikjarazzjonijiet taf bihom personalment. Ikkontestat (a) l-ewwel talba attriċi billi qalet li fir-rigward ta' uħud mill-ammonti mitluba tgħodd il-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili, li xi oġġetti ma ġewx fornuti lilha jew huma difettużi minkejja li qed titlob ħlas tagħhom, kif ukoll li xi ammonti ma jifformawx parti mill-ftehim ta' bejniethom; (b) tqajmet in-nullita` tat-tieni talba attriċi billi qalet li l-penali u d-danni ma jistgħux jitressqu fl-istess azzjoni, kif ukoll li t-talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 396 tal-Kodiċi tal-Proċedura; u (ċ) qalet li ebda danni jew penali ma huma dovuti billi l-mandati nħarġu b'bona fidi;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*25. Illi tenut kont tal-verbal datat il-25 ta' Lulju, 2012, fuq già riferit, (ara paragrafu sittax, (16), aktar qabel), din il-vertenza hi issa limitata ghall-epurazzjoni tal-kontro-talba sollevata mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 121);*
>
> *"26.0. Illi in sintesi l-imsemmija kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti sintetikament tindirizza is-segwenti:*

*"26.1. Illi l-imsemmija socjetà konvenuta qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija erbgha u tletin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM1,334.34), ekwivalenti ghal tlett elef mija u tmin Ewro u hmistax-il centezmu, (€3,108.15), mis-socjetà attrici ghall-oggetti u xogholijiet ta' tiswija;*

*"26.2. Illi l-istess socjetà konvenuta qed titlob il-penali massimu kontemplat fil-ligi ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji fuq indikati ghal somma minnha ritenuta ezagerata t'erbghin elf Lira Maltin (LM40,000.00), b'sekwestru iehor ghal hamsa u erbghin elf hames mija u tnejn u disghin Lira Maltin, (LM45,592.00) liema mandati inhargu in mala fede u b'mod abusiv, frivolu u vessatorju;*

*"26.3. Illi jigi likwidat id-danni sofferti mis-socjetà konvenuta konsegwenza tal-istess flimkien mad-danni minnha wkoll ghalhekk sofferti;*

*"26.4. Illi s-socjetà attrici tigi ikkundannata thallas lil dik konvenuta l-ammont hekk likwidat;*

*"26.5. Bl-imghaxijiet u spejjez kif dedotti fl-istess talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"27.0. Illi rigward il-mandati fuq riferiti mahruga mis-socjetà attrici kontra dik konvenuta gie sostnut is-segwenti mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*"27.1.Illi din soffriet danni kbar;*

*"27.2 Illi dawn id-danni gew sofferti minnha ghaliex kellha taghmel garanzija bankarja biex b'hekk tkun tista' tehles mill-effetti tal-istess mandati;*

*"27.3. Illi ghalhekk, is-socjetà konvenuta giet priva mill-uzu liberu tal-ammonti involuti li altrimenti kienu jkunu a disposizzjoni taghha f'forma t' "overdrafts";*

*"Ikkunsidrat:*

***"A. Dwar l-Eccezzjonijiet Preliminari Sollevati:***

*"28. Illi rigward l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mis-socjetà attrici fuq id-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u mal-kontro-talba taghha ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*

*"29.0* ***Rigward id-Dikjarazzjoni Guramentata:***

*"29.1 Illi tali eccezzjonijiet ma jirrizultawx li huma sostenibbli stante li mhux biss huma redatti skont il-ligi kif titlob fl-artiklu 156(3) u 158(4) it-tnejn tal-Kap 12, izda huma miktubin b'mod identiku bhal dawk kif dikjarati mir-rapprezentant tas-socjetà attrici;*

*"29.2. Illi ghalhekk, kieku ghall-grazzja tal-argument kellha tintlaqa din l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà attrici, kieku l-istess principju jkollu japplika ghall-istess socjetà, bil-konsegwenza lil-azzjoni inizzjata mill-istess socjetà attrici tkun ukoll meqjusa bl-istess mizura minnha postulata bil-konsegwenzi kollha derivanti;*

*"29.3. Illi kuntrarju ghal dak sottopost mis-socjetà attrici, ma jirrizultax li f'dan ir-rigward hemm xi nuqqas da parti tas-socjetà konvenuta u tal-persuna li ddikjara bil-gurament tieghu il-verità tal-fatti kif minnhu hemm esposti, u konsegwentement tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà attrici, bl-ispejjez fir-rigward, kontra l-istess socjetà attrici;*

*"Ikkunsidrat:*

*"30.0.* ***Rigward il-Preskrizzjoni:***

*"30.1. Illi sussidjarjament, is-socjetà attrici tissolleva l-eccezzjoni ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni minnha indikata fl-istess nota tal-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*"30.2. Illi f'dan ir-rigward ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:*

*"30.2.1. Illi l-preskrizzjoni indirizzata mis-socjetà attrici hi dik naxxenti mill-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 senjatament dik rigwardanti l-preskrizzjoni bl-eghluq tat-tmintax-il xhar li fost l-ohrajn tirrigwardja lis-segwenti azzjonijiet:*
*"30.2.1.i. Hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u dawk li jahdmu is-sengha jew arti mekkanika, ghax-xoghol taghhom;*
*"30.2.1.ii. Kredituri ghall-prezz ta' merkanzija bl-imnut;*
*"30.2.2. Illi kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet* ***Bezzina vs Said****,* ***Qorti tal-Kummerc, datata l-4 ta' Marzu, 1949****,* ***Vol. XLII p. 1151****.*

> *" ... d-disposizzjoni kontenuta fl-artiklu 2253 (illum 2148) tirriferixxi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom, filwaqt li d-disposizzjoni kontenuta fl-artiklu 2254 (illum 2149) tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol "opus" minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet";*

> *"Illi l-attur jezercita impriza ta' inginerija u jispekula fuq l-opra ta' l-impjegati tieghu u huwa ma jipprestax biss l-opra (opera) tieghu ghall-konvenut, imma ghamillu xoghol (opus) konsistenti fit-twaqqif t'oggett indikat fl-att tac-citazzjoni ... taht id-direzzjoni ta' espert estraneju u fornixxa materjal okkorrenti ghat-twaqqif ta' dak l-istess oggett; u ghalhekk ghall-kreditu tieghu ghal dak ix-xoghol hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fic-citat artiklu 2254 (illum 2149(a)) tal-Kodici Civili";*

*"30.3. Illi in vista tal-premess tirrespingi wkoll din it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici;*

*"Ikkunsidrat:*

*"31.0.* ***Rigward il-Kwistjoni Procedurali dwar liema azzjoni hi permessibbli:***

*"31.1. Illi di più, l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata eccepiet preliminarjament ukoll li t-tieni talba kontenuta fil-kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti hi irrita u nulla stante li mhix ai termini tal-artiklu 836 tal-Kap 12 stante li issostni li penali u danni "ma jistghux jintalbu b'kontro-talba";*

*"31.2. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"31.2.1. Illi fiz-zmien meta l-kontro-talba kienet inoltrata, (is-7 ta' Novembru, 2000), il-procedura in dizamina kienet ghadha permezz ta' citazzjoni, liema procedura illum m'ghadiex tezisti;*
*"31.2.2. Illi l-procedura hawn adoperata ma tilledi l-ebda artiklu in dizamina anzi kkontribwixxi ghall-ekonomija tal-procedura stante li qed tuza procedura wahda già inoltrata biex tindirizza problema ohra naxxenti mill-istess fatti;*
*"31.2.3. Illi ghalhekk il-komunanza ta' l-azzjoni mhux biss hi:*
*"31.2.3.i. Ekonomikament ghaqlija ghall-kontendenti;*
*"31.2.3.ii Izda hi wkoll koncettwalment aktar rigoriza billi il-vertenza in ezami setghet tiehu konjizzjoni tal-problematika kollha involuta u dan, fl-ahjar interess tal-gustizzja;*

*"Ikkunsidrat:*

*"32.0.* ***Rigward l-irritabilità u l-annullabilità tat-tieni kontro-talba stante li ma' tissodisfax l-artiklu 396 tal-Kap 12:***

*"32.1. Illi l-artiklu citat fil-paragrafu precedenti jirrikjedi ad validitatem illi kontro-talba tkun valida kemm-il darba* ***" ... tkun gejja mill-istess fatt ... li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur"****;*

*"32.2. Illi minn ezami tal-provi prodotti ghandu jkun pacifiku li l-vertenza in dizamina u l-kontro-talbiet minnha naxxenti huma kollha rizultat tal-isfaxximent tar-relazzjoni kummercjali li kien hemm bejn is-socjetajiet kontendenti u mhux xi frott ta' xi allucinazzjoni tal-partijiet;*

*"32.3. Illi l-isfaxximent ta' din ir-relazzjoni wasslet ghall-katina ta' avvenimenti li permezz taghha s-socjetà attrici irrikorriet ghall-mandati minnha inoltrati, liema mandati irrizultaw fil-limitazzjoni finanzjarja tas-socjetà konvenuta billi nixfitilha il-likwidità taghha li ikkostringietha tirrikorri ghall-ghajnuna bankarja biex tibqà tiffunzjona, u dan ovvjament b'prezz kospikwu;*

*"Ikkunsidrat:*

*"33.0.* ***Rigward il-hrug ta' mandat hames (5) snin wara dak originali:***

*"33.1. Illi fir-rigward is-socjetà attrici ssostni wkoll li hawn hi agixxiet in buona fede;*

*"33.2. Illi l-uniku skop taghha fir-rigward kien li tikkawtela d-drittijiet taghha;*

*"33.3. Illi ghalhekk is-socjetà attrici rikonvenzjonata ssosstni li mhix responsabbli ghal danni jew penali involuti;*

*"33.4. Illi fir-rigward ghandu jinghad li is-socjetà attrici rikonvenzjonata naqset li tintavola provi in sostenn tal-istess;*

*"33.5. Illi di più jirrizulta minflok mix-xhieda prodotta mis-socjetà konvenuta quddiem il-perit tekniku fuq riferit li l-mandati in dizamina issukkjaw il-likwidità finanzjarja tas-socjetà konvenuta u konsegwentement effettwaw negattivament il-possibilitajiet kummercjali li inholqu f'dak il-perjodu lill-istess socjetà;*

*"33.6. Illi kif tajjeb issostni s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti fin-nota taghha, is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha meta s-socjetà attrici intavolat mandati ta' sekwestri ulterjuri minghajr ma precedentement allertat lis-socjetà konvenuta skont il-ligi;*

*"33.7. Illi ghalhekk, l-animu nefast allegat jittrapela b'mod sinifikanti;*

*"33.8. Illi konsegwenza tal-istess, wara li s-socjetà konvenuta kienet kostretta tipprotegi ruhha b'garanzija bankarja, effettivament spiccat imcahhda mill-uzu ta' flusha fl-ammont komplessiv ta' mija u disgha u disghin elf tlett mija u sitta u sebghin Ewro, (€199,376.00), oltre pagamenti ohra dovuti lill-istess bank garanti ghas-servizzi minnu lilha pprestati, ammontanti komplessivament ghal disghat elef sebgha mija*

*u tlieta u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu; (€9,773.37), (ara rendikont fir-rigward a foll 395);*

*"33.9. Illi l-attitudni malefika riskontrata tkompli tipprevali ruhha meta jigi wkoll ikkonsidrat li wara li intavolat it-tieni mandat in dizamina, is-socjetà attrici ma ipprosegwietx gudizzjarjament kif tenuta;*

*"33.10. Illi ghalhekk, tali inattività ghandha tirrikjama l-attenzjoni ghal dak mahsub fl-artiklu 836 (8) (a) tal-Kap 12, stante li ma ingabet l-ebda raguni valida fil-ligi biex l-istess socjetà ma resqet l-ebda kawza dwar l-istess talba fiz-zmien stabbilit fil-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"34.0. Illi fil-meritu tal-vertenza in dizamina ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:*
*"34.1. Illi f'dan is-sens issa ghandu jigi indirizzat is-segwenti:*
*"34.1.1. Jekk humiex issa dovuti penali fis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*
*"34.1.2. Jekk humiex issa dovuti danni lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"35.0.* ***Rigward il-Penali****:*

*"35.1. Illi dan già gie indirizzat aktar qabel, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33), aktar qabel);*

*"35.2. Illi mis-suespost jirrizulta debitament assodat li ghalkemm is-socjetà attrici kienet attivissima biex tintavola l-mandati fuq riferiti, daqstant iehor irrizultat assenti biex tippersegwixxi d-drittijiet taghha b'mod effettiv;*

*"35.3. Illi tali atitudini ghalhekk wrietli l-istess socjetà attrici kienet aktar kuntenta bl-istat ta' stall li gabet fih lis-socjetà konvenuta li ippersista ghal snin shah milli ippersegwiet l-iter gudizzjarju skont il-ligi u b'mod effettivament tempestiv;*

*"35.4. Illi ghalhekk l-indolu karpit mill-agir tas-socjetà attrici ma jirrizultax daqstant li riedet tottjeni dak li kien taghha milli tkisser u tfarrak il-potenzjalità kummercjali tas-socjetà konvenuta;*

*"35.5. Illi di più, l-inkluzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fl-atti de quo ma kien iservi ghalxejn hlief li jkompli jghakkes inutilment lis-socjetà konvenuta, waqt li fl-istess hin, ma jkun ta' ebda beneficju ghas-socjetà attrici;*

*"35.6. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti issodisfat din it-talba ghall-penali minnha hekk sollevata;*

*"Ikkunsidrat:*

*"36.0.* ***Rigward id-Danni:***

*"36.1. Illi d-danni rikjamati mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti jammontaw komplessivament ghal mija u hamsin elf tlett mija u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€150,344.37), oltre l-imghaxijiet involuti kif a skans ta' ripetizzjoni inutili huma debitament elenkati mill-istess socjetà konvenuta u li bl-ebda mod ma' gew kontradetti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, (ara foll 393)*";

5. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Visa") appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-28 ta' Ottubru, 2014, li fih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (a) tannulla, tirrevoka u tħassar (i) id-degriet tal-ewwel Qorti tas-17 ta' Novembru, 2011, li permezz tiegħu kkanċellat l-azzjoni ewlenija mressqa minnha; (ii) id-degriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2012, li bih irriappuntat il-kawża u reġgħet qegħditha fuq il-lista għas-smigħ, u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża limitatament għall-azzjoni rikonvenzjonali mressqa mill-kumpanija mħarrka; u (b) terġa' tibgħat l-atti tal-kawża għal quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' il-każ, jew f'każ li din il-Qorti tagħżel li tisma' hi l-każ, tilqa' it-talbiet tal-attriċi appellanti u tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-kumpanija mħarrka wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-attriċi appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija mħarrka;

6. Il-kumpanija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "Blye") laqgħet għar-Rikors tal-Appell tal-appellanti bi Tweġiba tal-10 ta' Novembru, 2014, billi qalet li s-sentenza appellata hija tajba u għandha tiġi kkonfermata fejn din laqgħet it-talbiet fil-Kontro-Talba tal-imħarrka appellata (salv dak li jingħad taħt il-paragrafu 8), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Flimkien mat-Tweġiba tal-10 ta' Novembru, 2014, Blye ressqet ukoll Appell Inċidentali, u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbet li din il-Qorti (i) tordna l-korrezzjoni tal-paragrafu 11 tas-sentenza appellata sabiex jirrifletti fedelment it-talbiet tagħha fir-Rikors tat-2 ta' Diċembru, 2011, fejn talbet it-tkomplija tal-azzjoni rikonvenzjonali tagħha skont l-Artikolu 401 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) filwaqt li tilqa' l-fehmiet tal-Perit Inġinier Carmel *sive* Charles Cuschieri, tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali tagħha għar-rigward ta' fatturi mhux imħallsa minn Visa fl-ammont ta' €2,990.20; (iii) tirriforma s-sentenza appellata safejn l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni talba rikonvenzjonali għall-ħlas tal-massimu tal-penali kontemplat fl-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12, billi jitniżżel l-ammont korrett ta' €6998.12 minflok dak ta' €2,000; (iv) tikkundanna lil Visa tħallasha l-ammont ta' €160,332,69; u (v) tqis ir-Rikors tal-Appell ta' Visa bħala wieħed fieragħ u vessatorju, u tapplika kontra Visa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12;

8. Minkejja li Visa laqgħet in-notifika[2] tal-Appell Inċidentali tal-10 ta' Novembru, 2014, ma jidhirx li ressqet tweġiba għalih;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet kemm waqt is-smigħ tat-18 ta' Frar, 2020, u kif ukoll fit-13 ta' Ottubru, 2020, fuq talba tal-Qorti li, sadattant, kienet rikomposta u għal skjarimenti dwar ċirkostanzi proċedurali li joħorġu mill-atti tal-ewwel istanza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

11. Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2020, li bih ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel ma tqis l-appelli, tislet fil-qosor episodji ewlenin fil-mixi ta' din il-kawża fl-ewwel istanza, biex wieħed jaqbad aħjar x'inhu dak li din il-Qorti ntalbet tqis fl-imsemmija appelli;

[2] Paġ. 439 tal-proċess

13. Illi Visa kienet fetħet kawża għad-danni minħabba inadempiment kuntrattwali marbut mat-tqegħid u l-konsenja min-naħa ta' Blye ta' sistema ta' arja kundizzjonata fi stabbiliment kummerċjali (l-azzjoni ewlenija). Għal dik l-azzjoni, Blye laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ta' Visa ma kinux mistħoqqa u l-Qorti kien imissha tiċħadhom billi hija wettqet ix-xogħol appaltat kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u skont ma kien miftiehem. Ressqet ukoll kontro-talba;

14. Illi fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħha Blye talbet (i) il-ħlas tal-bilanċ min-naħa ta' Visa tal-appalt u xogħol imwettaq, (ii) il-kundanna u l-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (iii) il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni mġarrba minnha minħabba l-ħruġ kontra tagħha ta' mandati kawtelatorji b'mod abbużiv, fieragħ u vessatorju min-naħa ta' Visa għall-finijiet tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi;

15. Illi b'degriet mogħti waqt is-smigħ tas-17 ta' Novembru, 2011[3] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-ewwel degriet"), l-ewwel Qorti ħassret u ikkanċellat l-atti tal-kawża billi "*.. jidher li ilu ma jsir progress f'din il-kawża mit-12 ta' Frar, 2008. Illi perjodu ta' tlett (3) snin skorruti huwa abbundantement suffiċjenti li wieħed jikkonkludi li l-partijiet m'għandhomx*

[3] Paġ. 86 tal-proċess

*interess f'din il-kawża. Għaldaqstant tordna li din il-kawża tiġi kanċellata*". F'dak l-istadju, il-kawża kienet għar-rapport tal-perit tekniku li kien inħatar waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 2000[4];

16. Illi b'degriet tas-6 ta' Diċembru, 2011[5], fuq talba li saritilha minn Blye b'rikors imressaq fit-2 ta' Diċembru, 2011, l-ewwel Qorti qiegħdet għas-smigħ mill-ġdid l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Blye, u waqt is-smigħ tal-21 ta' Marzu, 2012[6], ordnat li "*f'dan l-istadju tawtorizża lill-Perit Tekniku jirrelata limitatament għall-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta*";

17. Illi ġara li, fuq talba li saritilha minn Visa b'rikors tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2012, l-ewwel Qorti ħassret "*contrario imperio*", b'degriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2012[7], l-ewwel degriet li bih kienet reġgħet qiegħdet l-azzjoni rikonvenzjonali għas-smigħ. Dan tennietu b'degriet tal-25 ta' Lulju, 2012[8] wara talba li saritilha minn Blye b'rikors tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2012. Madankollu, b'degriet mogħti waqt is-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2012 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-tieni degriet"), l-ewwel Qorti ordnat kif ġej: "*In vista tal-iżviluppi kif imressqa minn Dr Louis Vella*[9] *l-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha tal-25 ta' Lulju, 2012, u tordna l-*

[4] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[5] Paġ. 89 tal-proċess
[6] Paġ. 100 tal-proċess
[7] Paġ. 102 tal-proċess
[8] Paġ. 120 tal-proċess
[9] L-avukat difensur ta' Blye f'dak iż-żmien

*kontinwazzjoni tal-kawża*"[10]. Fis-sentenza appellata[11], l-ewwel Qorti għamlitha ċara li b'dak it-tieni degriet hija kienet "*ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża, limitatament għall-kontro-talba sollevata mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti*";

18. Illi, kif ingħad, bis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa minn Visa, laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali kollha ta' Blye. Visa ħassitha aggravata kemm minn dik is-sentenza u kif ukoll mill-ewwel u mit-tieni degrieti;

19. Illi qabel mal-Qorti tgħaddi biex tqis l-aggravji ta' Visa, jidhrilha li huwa meħtieġ li tqis il-kwestjoni proċedurali ewlenija tal-effetti tal-ewwel degriet. Għalkemm l-ebda waħda mill-partijiet ma qajmet dan il-punt (la fl-ewwel istanza u lanqas f'din), din il-Qorti hija tal-fehma li dik il-kwestjoni ma tistax ma tqishiex għaliex hija waħda proċedurali ta' ordni pubbliku. Tgħid ukoll li din iċ-ċirkostanza ikkostatatha hija u tifli l-atti tal-kawża wara li kienet saret l-ewwel trattazzjoni tal-appell. Kien għalhekk li din il-Qorti dehrilha li kellha tisma' mill-ġdid lill-avukati tal-partijiet;

20. Illi, kif ingħad qabel, bis-saħħa tal-ewwel degriet, l-ewwel Qorti reġgħet qiegħdet għas-smigħ l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Blye wara li

---

[10] Paġ. 121 tal-proċess
[11] § 16 tagħha

kienet ħassret il-kawża minn fuq il-lista. Naturalment, minħabba li l-kawża kienet magħmula mill-azzjoni ewlenija ta' Visa u mill-azzjoni rikonvenzjonali ta' Blye, id-degriet tat-tħassir tal-kawża laqgħet liż-żewġ azzjonijiet. Għall-finijiet ta' proċedura, u kif ilha tisħaq Blye, l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha titqies għal rasha bħallikieku kienet azzjoni mibdija minnha u lil hinn mill-azzjoni ewlenija ta' Visa. Kien għalhekk li Blye ressqet it-talba lill-ewwel Qorti biex terġa' tqiegħed l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha fuq il-lista tas-smigħ, ladarba Visa ma kinitx ressqet talba bħal dik lil dik il-Qorti biex terġa' tqiegħed fuq il-lista l-kawża ewlenija. Fi kliem ieħor, wara li l-ewwel Qorti, tajjeb jew ħażin, kienet ħassret il-kawża, kemm Visa u kif ukoll Blye kellhom żmien li fih setgħu jagħżlu li jitolbu lil dik il-Qorti terġa' tqiegħed il-kawża mill-ġdid għas-smigħ. Fil-fehma tal-Qorti, u bi tħaddim tar-regoli proċedurali partikolari għall-istitut tar-rikonvenzjoni[12], kemm Visa u kif ukoll Blye kellhom l-istess żmien biex iwettqu tali għażla;

21. Illi filwaqt li huwa minnu li Blye ressqet talba lill-ewwel Qorti biex l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha terġa' titqiegħed għas-smigħ, dan sar ħmistax-il (15) jum wara d-degriet li bih l-ewwel Qorti kienet ħassret il-kawża minn fuq il-listi tagħha. Dan ifisser li saż-żmien mogħti mil-liġi[13],

[12] Ara artt. 398(3) u 401 tal-Kap 12
[13] Art. 199(3) tal-Kap 12

lanqas Blye ma kienet għamlet l-għażla tagħha u għalhekk ir-rikors li ressqet fit-2 ta' Diċembru, 2011, ma kienx tressaq f'waqtu;

22. Illi waqt it-trattazzjoni ta' dan il-punt quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur ta' Blye seħaq li r-rikors kien tressaq fiż-żmien stabilit mil-liġi fiż-żmien li sar. Kemm hu hekk, huwa ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 199(3) kienu nbidlu bis-saħħa ta' Att li għadda mill-Parlament fl-2007, u għalhekk żmien qabel ma ressqet ir-rikors imsemmi;

23. Illi l-Qorti tqis li dak li qal l-avukat ta' Blye mhux għal kollox minnu. Huwa minnu li, fl-2007, il-Parlament kien għadda Att[14] li kien jemenda l-Kodiċi Ċivili li, madankollu, kellu wkoll artikoli li jibdlu l-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Fost l-artikoli milquta f'dan il-Kodiċi, kien hemm sewwasew wieħed[15] li, fost ħwejjeġ oħra, tawwal iż-żmien lill-parti milquta b'degriet ta' tħassir tal-kawża taħt l-artikolu 199 tal-Kodiċi minn għaxart (10) ijiem għal tliet (3) xhur. Kien fuq is-saħħa ta' dik l-emenda li d-difensur ta' Blye deherlu li r-rikors imressaq mill-patroċinata tiegħu fit-2 ta' Diċembru, 2011, kien tressaq f'waqtu u li għalhekk l-ewwel degriet kien ingħata sewwa;

[14] Att VIII tal-2007
[15] Art. 28 tal-Att VIII tal-2007

24. Illi l-Qorti tagħraf li dak li jiswa f'Att tal-Parlament mhuwiex daqstant meta jkun għadda mill-Kamra tad-Deputati u jikseb il-firma tal-President tar-Repubblika, daqskemm meta jkun daħal fis-seħħ. Fil-każ tal-imsemmi Att tal-2007, il-bidu fis-seħħ tal-bidliet li saru bis-saħħa tiegħu ma kienx awtomatiku mad-data tal-kunsens Presidenzjali. Kemm hu hekk, l-artikolu 1(2) tal-istess Att kien jipprovdi li l-Att kellu jibda jseħħ minn data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gażżetta jistabilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti. Hekk tassew ġara u bosta mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att daħlu fis-seħħ b'Avviż li nħareġ fil-Gażżetta tal-Gvern f'Awwissu tal-2007 stess[16]. Madankollu, l-artikolu 28 tal-Att (jiġifieri l-artikolu li bidel id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 199 tal-Kap 12) ma kienx wieħed minnhom. Kien biss fl-2018, li b'Avviż ieħor[17] fil-Gażżetta tal-Gvern l-artikolu 28 (u wkoll mhux kollu kemm hu) daħal fis-seħħ b'effett mill-5 ta' Marzu, 2018. Dan l-aħħar Avviż fih ukoll żieda li l-Qorti tqis li hija rilevanti ħafna għall-kwestjoni li għandha quddiemha llum. Dak l-Avviż jgħid: ".. *d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) ma jtawwalx xi terminu li jkun diġà skada*";

---

[16] A.L. 215 tal-2007
[17] A.L. 69 tal-2018 (ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-2 ta' Marzu, 2018, paġ. B 767)

25. Illi għal din il-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li meta Blye ressqet it-talba tagħha lill-ewwel Qorti biex titlobha tqiegħed l-azzjoni rikonvenzjonali tagħha mill-ġdid fuq il-lista tas-smigħ, dan sar wara ż-żmien li l-liġi fis-seħħ dak iż-żmien kienet tagħtiha biex tressaq talba bħal din. Dan ifisser ukoll li l-ewwel degriet ma jiswiex u ma seta' qatt jagħti effikaċja lil att li, minnu nnifsu, ma jiswiex. Ħasra li lanqas l-ewwel Qorti ma ntebħet b'dan kollu, għaliex kien jevita ħafna telf ta' żmien u spejjeż li saru għalxejn u għal tul ta' snin;

26. Illi fid-dawl ta'din iċ-ċirkostanza, kulma sar fil-kawża wara t-28 ta' Novembru, 2011, ma kienx jiswa. Il-Qorti ma jifdLilha l-ebda għażla ħlief li tħassar kulma sar minn dik id-data 'l quddiem;

27. Illi għalhekk jiġi li, ladarba s-sentenza appellata se titħassar, jitħassru wkoll l-appell fil-mertu ta' Visa u l-appell inċidentali ta' Blye;

***Decide:***

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tħassar** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014, b'dan illi kemm l-azzjoni ewlenija ta' Visa Investments

Limited u kif ukoll dik rikonvenzjonali ta' Blye Engineering Co Limited għandhom jitqiesu milquta bid-degriet tat-tħassir tal-kawża mogħti minn dik il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2011, u

**Tordna** għalhekk li kull parti terfa' **l-ispejjeż** tagħha fiż-żewġ istanzi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr